MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 85/2004

Anne sive Lucienne Attard
VS

Direttur Registru Pubbliku .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attrici wara li ppremettiet illi hija twieldet f'Victoria, Ghawdex fl-erbgha (4) ta' Mejju, ta' l-elf disa' mija sitta u tmenin (1986) u l-att tat-twelid taghha gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Ghawdex bin-numru progressiv mija u sebghin tas-sena elf disa' mija sitta u tmenin (170/1986) .

Illi fl-istess att tat-twelid isem l-attrici gie mnizzel bhala 'Lucy Anne' u dan nonostante illi l-genituri taghha riedu li isem l-attrici jkun 'Lucienne' ;

Illi di piu' l-attrici dejjem kitbet isimha bhala 'Lucienne' mentri fil-fatt fic-certifikat tat-twelid tnizzel l-isem ta' 'Lucy Anne' ;

Illi din id-diskrepanza fil-mod ta’ kif jinkiteb isem l-attrici holqot problemi meta l-istess attrici giet biex taghmel l-ezamijiet fil-livell ordinarju u anke meta tigi biex issiefer .

Talbet lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ;
Tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid numru mija u sebghin tas-sena elf disa’ mija sitta u tmenin (170/1986) billi fil-kolonna “Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha” kif ukoll fil-kolonna “Ismijiet moghtija” l-isem ‘Lucy Anne’ jigi sostitwit bl-isem ‘Lucienne’ .
Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess attrici minnha kkonfermata bil-gurament .
Rat ukoll id-dokumenti annessi ma’ l-istess citazzjoni, u cioe’ bhala dokument ‘A’ kopja tac-certifikat tat-twelid numru mija u sebghin tas-sena elf disa’ mija sitta u tmenin (170/1986) .
Rat ukoll id-degriet taghha tat-tmintax (18) ta’ Awissu tas-sena elfejn u erbgha (2004) li bih awtorizzat lill-attrici tipprocedi b’din il-kawza permezz ta’ l-ghajnuna legali .
Rat ukoll ir-riferta pozittiva tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li ggib id-data tas-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Settembru tas-sena elfejn u erbgha (2004) .
Innutat illi l-istess konvenut ghazel li jibqa’ kontumaci .
Semghet lill-attrici seduta stante tikkonferma bil-gurament taghha, l-kontenut tac-citazzjoni .
Il-Qorti ghal hekk, u peress illi jidhrilha illi t-talba attrici hija gustifikata, tiddecidi l-kawza billi tilqa’ l-istess talba, u tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid numru mija u sebghin tas-sena elf disa’ mija sitta u tmenin (170/1986), billi fil-kolonna “Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha” kif ukoll fil-kolonna “Ismijiet moghtija” l-isem ‘Lucy Anne’ jigi sostitwit bl-isem ‘Lucienne’ .
Minhabba n-natura ta’ din il-kawza ma ghandux ikun hemm spejjez .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------